12 ta' Novembru, 1951

Imhallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Assunta Chircop *versus* Pawlu Calleja et.**

## Eredità — Likwidazzjoni — Diviżjoni.

*Meta tiġi eżerċitata l-azzjoni għall-qasma ta' assi ereditarju għandu jinġieb għall-qasma dak kollu li jidħol f'dak l-assi, b'mod li ma għandu jibqa' xejn indiviż minn dak li jidħol f'dak l-assi. Għalhekk, fil-likwidazzjoni preordinata għall-qasma għandhom jiġu miġjuba l-beni kollha formanti parti mill-assi; għax diviżjonijiet*

*parzjali ma humiex permessi jekk ma jkunx hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha li jkollu jn komun xi ħaġa, li għandha tkun espressament u partikularment indikata.*

*Għaldaqstant, jekk l-assi ereditarju li tiegħu tintalab il-qasma jkollu sehem minn assi oħra li għad ma ġewx likwidati, dak l-assi ma jistax jiġi likwidat u maqsum qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' dawk l-assi l-oħra biex jiġi stabbilit is-sehem li minn dawk l-assi l-oħra jmiss lill-assi li tiegħu tintalab il-qasma.*

Il-Qorti — Rat id-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fl-ewwel ta' Ġunju 1951, li bih ġiet ordnata s-soprasessjoni f'din il-kawża, u ġie mogħti lill-attriċi xahar żmien biex, jekk jidhrilha, tiddeduċi quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni meħtieġa għal-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assijiet ta' Vincenzo u Carmela ġà miżżewġin Cremona, u l-kawża ġiet differita "sine die", riappuntabili b'rikors ta' l-interessati, jew wara li jgħaddi inutilment it-terminu fuq prefiss, jew wara d-*definizzjoni* tal-kawża li tiġi proposta. Spejjeż riżervati;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti, ta' l-imsemmija attriċi, li talbet li d-digriet fuq ċitat jiġi revokat, billi jiġi deċiż li l-azzjoni minnha proposta mhix intempestiva; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kuntrast bejn il-kontendenti li l-assi ta' Maria Stella Calleja, li tiegħu qiegħda tintalab il-likwidazzjoni u diviżjoni fl-att taċ-ċitazzjoni, jikkomprendi sehem mill-assijiet ta' Vincenzo u Carmela ġà miżżewġin Cremona; u għalhekk hu naturali li qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' dawn l-aħħar żewġ assijiet u verifikata l-*porzjoni* li minnhom tiġi tmiss lill-assi ta' Maria Stella Calleja, mhux possibili li dan l-assi ta' Maria Stella Calleja jiġi definitivament likwidat biex issir il-qasma tiegħu bejn il-kontendenti;

Ikkunsidrat;

Illi meta tiġi eżerċitata l-azzjoni għal qasma ta' assi ereditarju, "judex *familiae erciscundae* nihil *debet indivisum* relinquere"; u għalhekk "in judicium communi dividundo omnes res veniunt". Konsegwentement, fil-likwidazzjoni preordinata għall-qasma għandhom jiġu miġjubin il-beni kollha formanti parti mill-assi, billi diviżjonijiet parzjali ma humiex

permess, u jistgħu jiġu biss ammessi meta l-kondividenti jagħtu l-kunsens tagħhom li jħallu xi ħaġa in komun, u din il-ħaġa tkun espressament u partikolarment indikata;

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għal dak li ntqal fuq, l-imsemmi digriet mhux ċensurabili, u l-appell kontra tiegħu miġjub għandu jiġi miċħud;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma l-imsemmi digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fl-ewwel ta' Ġunju 1951. Bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellant; b'dana però li t-terminu ta' xahar bl-istess digriet prefiss għandu jibda jgħaddi mil-lum.